

32006D0078

L 36/45

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.2.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Jannar 2006

li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-implimentazzjoni ta' sħarriġ epidemjoloġiku u ta' miżuri ta' sorveljanza tal-*bluetongue* fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi kkumbattuta din il-marda fil-Portugall fl-2004 u fl-2005

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 166)

(It-test Portugiż biss huwa awtentiku)

(2006/78/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2a) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Novembru 2004, tifqigħat tal-*bluetongue* feġġew fil-Portugall. L-apparizzjoni ta' din il-marda tista' tirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.
- (2) Biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda kemm jista' jkun malajr, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għan-nefqa eliġġibbli tal-Portugall fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tkun ikkumbattuta l-marda, kif previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE. Għalhekk, fil-15 ta' Settembru 2005, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/660/KE rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tkun ikkumbattuta l-*bluetongue* fil-Portugall fl-2004 u fl-2005 ⁽²⁾ ġiet adottata.
- (3) Il-Kummissjoni adottat diversi deċiżjonijiet sabiex tiddermarka ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u biex tistipola l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-movimenti ta' l-animali minn dawn iż-żoni, u l-aħħar waħda minn dawn hija d-Deċiżjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2003 dwar iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fir-rigward tal-*bluetongue* u l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti minn u għewwa dawn iż-żoni ⁽³⁾.
- (4) Mill-Ħarifa ta' l-2004 n-nuqqas eċċezzjonali ta' xita fil-Portugall affetwa serjament il-provvista ta' l-ġhalf u, b'konsegwenza ta' dan, il-possibiltajiet ta' nfiq addizzjonali għall-bdiewa kkważat mit-tmiġh ta' l-animali. Din is-sitwazzjoni hi ta' konsegwenza partikolari fil-Portugall peress li l-istabbilimenti li jispesjalizzaw fit-twelid ta'

animali bovini u ovini jinsabu fiż-żoni li huma affettwati mir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' l-animali, filwaqt li dawk li jispesjalizzaw fit-tismin, li huma l-ħruġ naturali għall-animali mrobbija f'tali stabbilimenti, jinsabu barra minn dawk iż-żoni.

- (5) Miżuri oħra ġew stabbiliti mill-Portugall bil-kollaborazzjoni ta' Spanja biex tkun ikkontrollata l-epidemija billi jitwettaq sħarriġ epidemjoloġiku u jitwettqu l-miżuri ta' sorveljanza għall-marda, inkluż testijiet fil-laboratorju għas-sorveljanza seroloġika u viroloġika fil-qafas ta' ttestjar ta' l-animali qabel iċ-ċaqliq u s-sorveljanza entomoloġika.
- (6) Il-Portugall u Spanja pprovdew evidenza ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ Stati Membri biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda billi jitwettqu l-miżuri ta' sorveljanza għall-marda.
- (7) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola ⁽⁴⁾, il-miżuri sanitarji tal-veterinarji u tal-pjanti li ttehd u skond ir-regoli tal-Komunità huma ffinanzjati taħt it-Taqsima tal-Fond Ewropew Agrikolu ta' Gwida u Garanzija. Il-verifika ta' dawk il-miżuri taqa' fi ħdan l-Artikoli 8 u 9 ta' dak ir-Regolament.
- (8) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet pjannati fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet jipprovd u l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-limitu ta' żmien stipulat.
- (9) Fil-25 ta' Frar 2005, il-Portugall issottometta l-istima inizjali ta' l-ispejjeż imġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza l-oħra, inkluż il-miżuri ta' sorveljanza epidemjoloġika meħuda biex tkun ikkumbattuta l-marda. Din l-istima tal-miżuri ta' sorveljanza epidemjoloġika tamonta għal EUR 4 303 336.

⁽¹⁾ ĠUL 224, 18.8.1999, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠUL 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠUL 244, 20.9.2005, p. 28.

⁽³⁾ ĠUL 130, 24.5.2005, p. 22. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/828/KE (ĠUL 311, 26.11.2005, p. 37).

⁽⁴⁾ ĠUL 160, 26.6.1999, p. 103.

- (10) Sakemm jitwettqu kontrolli fuq il-post mill-Kummissjoni, issa hu meħtieġ li jiġi ffissat l-ewwel ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità. Dak l-ewwel ħlas parzjali għandu jkun ta' 50 % tal-kontribuzzjoni tal-Komunità, stabbilit fuq il-bażi tan-nefqa eliġibbli stmata għall-miżuri ta' sorveljanza epidemjoloġika. Ikun xieraq ukoll li jiġu ffissati l-ammonti massimi li għandhom jiġu rrimborżati għall-ispejjeż tat-testijiet u tan-nases użati fil-qafas ta' dawn il-miżuri.
- (11) Il-Portugall issodisfa l-obbligi tekniċi u amministrattivi kollha tagħhom fir-rigward tal-miżuri previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.
- (12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Portugall

1. Fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tkun ikkumbattuta l-*bluetongue* fl-2004 u fl-2005, il-Portugall għandu jkun intitolat għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità li tammonta għal 50 % tan-nefqa mġarrba minħabba l-ispejjeż tat-testijiet fil-laboratorju għas-sorveljanza seroloġika u viroloġika u l-ispejjeż tas-sorveljanza entomoloġika, inkluż ix-xiri ta' nases.
2. L-ammonti massimi ta' spejjeż li għandhom jiġu rrimborsati lill-Portugall għat-testijiet u għan-nases li jirreferi għalihom il-paragrafu 1 m'għandhomx jaqṡu:
- (a) għas-sorveljanza seroloġika, test Elisa: EUR 2,5 għal kull test;
- (b) għas-sorveljanza viroloġika, test RT.PCR: EUR 15 għal kull test;
- (c) għas-sorveljanza entomoloġika, nassa: EUR 160 għal kull nassa.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud.

Artikolu 2

Arranġamenti għall-ħlas

Skond ir-riżultati tal-kontrolli fuq il-post imwettqa skond l-Artikolu 9 (1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, l-ewwel ħlas parzjali ta'

EUR 600 000 għandu jiġi mħallas bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità prevista fl-Artikolu 1.

Il-ħlas għandu jsir fuq il-bażi ta' dokumenti ta' appoġġ sottomessi mill-Portugall li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet fil-laboratorju u max-xiri ta' nases li jirreferi għalihom l-Artikolu 1(1).

Artikolu 3

Il-kundizzjonijiet għall-ħlas u d-dokumenti ta' appoġġ

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità kif jirreferi għaliha l-Artikolu 1 għandha tiġi mħallsa fuq il-bażi ta:
- (a) applikazzjoni li jkun fiha d-data speċifikata fl-Anness sottomessa fil-limitu ta' żmien stipolat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
- (b) id-dokumenti ta' appoġġ li jirreferi għalihom l-Artikolu 2, inkluż rapport epidemjoloġiku u rapport finanzjarju;
- (c) ir-riżultati ta' kwalunkwe kontrolli fuq il-post imwettqa skond l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

Id-dokumenti li jirreferi għalihom il-punt (b) għandhom ikunu disponibbli għall-kontrolli fuq il-post li jirreferi għalihom il-punt (c).

2. L-applikazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1(a) għandha tkun sottomessa f'forma kompjuterizzata fi żmien sitt jjiem kalendarji mid-data ta' notifikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Jekk dak il-limitu ta' żmien ma jiġix irrispettat, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tiġi mnaqqsa b'25 % għal kull xahar ta' dewmien.

Artikolu 4

Destinatari

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Janjar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Id-data msemmija fl-Artikolu 3(1)(a)

L-ispejjeż imġarrba		
Natura ta' l-azzjoni	Numru	Ammont (ma jinkludix il-VAT)
It-testijiet ELISA		
It-testijiet RT.PCR		
Testijiet viroloġiċi oħra		
Nases		
		Total